MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1826/2003

**Carmel Spiteri**

**Vs**

**John Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta Settembru 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u hmistax il-lira (Lm315) ghal xoghol ta supervizjoni li ghamel l-attur bejn il-11 ta Settembru 2000 sal-15 ta Marzu 2001 fuq inkarigu tal-konvenut.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-18 ta Marzu 2004 fejn preliminarjament eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2149 (C) tal-kodici civili, fit-tieni lok li ebda ammont ma kien dovut u b'riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti mill-partijiet fosthom l-affidavit, xhieda u dokumenti prodotti mill-attur u x-xhieda tal-konvenut u l-kontro-ezamijiet rispettivi.

Ikkunsidrat.

Illi skond it-tezi tal-attur huwa qed jikkontendi li l-konvenut kien inkarigah jesegwixxi xogholijiet in konnessjoni ma miljoramenti ghad-dar tieghu fuq zewg fazijiet u cioe fl-ewwel lok sabiex jaghmillu drawings ghal concept design ghal liema xoghol l-attur jammetti li kien thallas ghas-saldu (LM60 + Lm40) u fit-teini lok sabiex ikompli jaghmel supervizjoni fuq ix-xoghol li jkun qed jigi esegwit mill-haddiema, ghal liema xogholijiet ta l-ahhar huwa baqa ma thallasx u kwindi l-kawza odjerna.

Fil-fatt l-attur izid ighid li kien anke ghen lill-konvenut biex isiblu l-haddiema u fil-bini tal-fireplace u li baqa jmur fil-fond in kwistjoni sa Marzu 2001 meta kienu spiccaw ix-xogholijiet kollha hlief ghal parquet. It-Tribunal jinnota bhala stramb il-fatt li l-attur jixhed fuq supervizjoni li huwa allegatament ghamel fuq ix-xoghol tal-parquet f’seduti sussegwenti u ma jsemmi xejn dwarha la fl-affidavit tieghu u anqas fl-ewwel darba li xehed u dan in-nuqqas jimmina sewwa l-kredibbilita tieghu fuq din il-materja. Oltre l-ammont ta Lm100 l-attur jikkonferma li l-konvenut mill-bidu nett kien qed jallega li hallas somma ulterjuri ta Lm50 pero ma hemmx qbil fuqha bejn il-partijiet.

Illi l-attur esebixxa prospett dwar l-ammont lilu dovut a fol 13 tal-process pero t-Tribunal jinnota li ma hemmx breakdown ta kif wasal ghal tali figura partikolarment meta tqis li l-attur stess jammetti li ma kienx hemm ftehim minn qabel dwar kif kien sejjer jithallas tal-allegata supervizjoni.

Mill- banda l-ohra l-konvenut ighid li Spiteri ken beda jahdimlu f’Settembru 2000 u spiccalu f’Dicembru 2000 u kwindi mhux minnu li baqa sejjer sa Marzu 2001. Il-ftehim kien li jithallas somma globali ta Lm150 li fil-fatt hallas. Jinnega li x-xogholijiet kienu mqassma fuq zewg fazijiet izda inkarigu wahdani ta konsultazzjoni ghal miljoramenti (disinn u qisien). Jispjega kif fil-fatt hallas is-somma ta Lm150 fi tliet pagamenti. Jigi hawn notat mit-Tribunal li fuq

l-ewwel zewg pagamenti ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet filwaqt ghar-rigward it-tielet wiehed li allegatament sehh f'Dicembru 2000, li dwaru hemm kwistjoni, dan sar fi flus kontanti u mhux b'cheque bhal l-ewwel tnejn u l-konvenut naqas li jgib prova ulterjuri dwar dan. Wara Dicembru 2000, huwa gie mgharraf ghal l-ewwel darba bil-pretenzjoni tal-attur sentejn wara meta rcieva il-ledger minn ghandu.

Godfrey Gauci li hadem fil-fond tal-konvenut fuq xi disinji li ghamel l-attur ighid illi Spiteri kien rah l-ewwel darba ghal habta tal-Milied tas-sena 2000 u sussegwentement rega rah f'okkazzjoni wahda biss meta gie jispezzjona x-xoghol ghal habta ta Marzu 2001.

Illi apparti l-kontestazzjoni fattwali bejn il-partijiet, il-konvenut qieghed jeccepixxi l-punt legali ta preskrizzjoni ta sentejn ai termini tal-artikolu 2149 (C) Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta. Illi ghalhekk fl-ahjar ipotesi ghall-attur stante li huwa jallega li spicca l-inkariku tieghu f'Marzu 2001, l-ewwl att gudizzjarju kellu jigi prezentat sa Marzu 2003 filwaqt li jigi kostatat li l-odjern avviz gie prezentat f'Settembru 2003 u kwindi jidher apparenti li tali eccezzjoni preliminari tinsab gustifikata. Dana qed jinghad oltre ghall-fatt li t-Tribunal xorta wahda jhoss li l-attur naqas li jgib prova soddisfacenti kemm ghar-rigward kemm tassew kien ghamel xoghol ta supervizjoni u kif ukoll dwar kif  wasal ghac-cifra minnu rikjesta f'dan l-avviz.

Jigi notat ukoll pero li l-konvenut ex admissis ighid li huwa kellu jhallas is-somma ta Lm150 filwaqt li huwa gab prova soddisfacenti li hallas biss l-ammont ta Lm100 stante li hemm nuqqas ta qbil fuq ir-rimanenti Lm50. Illi ghalhekk fid-dawl ta tali ammissjoni fl-imkien ma nuqqas ta prova u kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-oneru tal-prova dwar pagament jinkombi fuq il-konvenut, ma jidhirx li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista tkun applikabbli huwa ghal dan l-ammont.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq espressi t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjoni

preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut pero dan limitatament fir-rigward tas-somma ta Lm265 u konsegwentement jilqa t-talba attrici limitatament fir-rigward tas-somma ta Lm50 u kwindi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta hamsin lira (Lm50) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza bl-ispejjes ta din l-istanza jbqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------